# Il-Kelma tal-President



**Josef Borg**
***President***

Għal sena oħra qed inwassal dan il-messaġġ qasir fil-ktieb annwali, 'Leħen l-Imperial', li ta' kull sena jiġi ppubblikat mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina, li jiġbor fih il-ġrajjiet l-aktar importanti li seħħew matul l-aħħar sena fil-każin, kif ukoll tagħrif ieħor storiku, kulturali u kitbiet oħra interessanti.

Ringrazzjament xieraq imur lejn il-Bord Editorjali u l-kontributuri kollha għal ktieb mimli tagħrif u tassew interessanti.

Il-Festa tal-Vitorja, il-festa tar-raħal, hija l-akbar avveniment li torganizza l-għaqda tagħna u hija l-qofol ta' sena ħidma li jwettqu ħafna volontiera fi ħdan l-istess soċjetà. Huwa veru li l-impenji tas-soċjetà huma mifruxa matul is-sena kollha iżda bla dubju ta' xejn il-festa tibqa' kif inhuwa xieraq l-aktar attività importanti fil-kalendarju tagħna. Għalhekk minn qalbi nistieden lil kulħadd biex jipparteċipa fl-attivitajiet li torganizza s-soċjetà tagħna biex flimkien niċċelebraw b'mod sabiħ u dinjituż il-festa ta' Marija Bambina.

Il-ħidma f'soċjetà dinamika ma taqta' xejn, iżda jkun tajjeb jekk wieħed jagħmel referenza għal ġrajjiet li jħallu marka fuq l-istorja tas-soċjetà. Hawn nixtieq nagħmel referenza għal-Laqgħa tal-Kabinett li saret ġewwa l-Mellieħa propju fis-sala tal-Każin nhar il-21 ta' Jannar 2014. Kien ta' unur għalina bħala soċjetà li laqgħa hekk importanti ssir ġewwa l-każin. Mill-att mużikali kien ta' pjaċir għalina li fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali jerġa' jibda jiġi organizzat il-Mellieħa International Music Festival. Il-Banda u l-Kor Imperial esegwew programm vokali u strumentali l-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2014. Fl-aħħar tas-serata, flimkien mal-Banda mir-Renju Unit, Eynsford Concert Band daqqejna u tkantaw żewġ siltiet mużikali flimkien.

It-tagħlim tal-mużika minn dejjem jingħata importanza kbira fis-soċjetà għax verament nemmnu li b'dan il-mod nistgħu niggarantixxu futur aħjar lill-Banda Imperial. Wara li s-sena l-oħra żidna t-tagħlim tal-istrumenti tal-perkussjoni, flimkien mat-tagħlim tal-istrumenti tar-ramm u l-injam, minn wara l-festa ser jibdew jingħataw lezzjonijiet tat-teorija biex b'hekk inkomplu ngħollu l-livell tal-mużiċisti fil-banda.

Bil-għajnuna għal fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ, ser inkomplu nattrezzaw it-tagħlim b'mod aktar modern li jaġġorna għaż-żminijiet tal-lum. Huwa tajjeb li opportunitajiet bħal dawn nagħmlu l-aħjar użu minnhom u nappella lill-bandisti, membri tal-kor flimkien ma' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-mużika biex jattendu għal dan it-tagħlim.

'Nisġiet Mużikali Maltin' huwa l-isem tas-CD li ġietr rekordjata u ser tibda tkun għal bejgħ matul il-ġranet tal-festa. Din is-CD li hija l-ewwel waħda ta' dan it-tip li ġiet rrekordjata minn soċjetà mużikali tikkonsisti f'siltiet mużikali ta' kompożituri Maltin.

Kienet biċċa xogħol impenjattiva ħafna u nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex jkollna CD ta' livell għoli. Nistieden u nappella lilkom qarrejja biex takwwistaw kopja ta' din is-CD b'mużika sabiħa b'identità Maltija.

Din is-sena l-Għaqda tan-Nar Marija Bambina, qed tiċċelebra l-25 Anniversarju mit-twaqqif tagħha. F'din l-okkażjoni sabiħa, minn qalbi nifraħ u nirringrazzja lil dawk kollha li matul dawn is-snin ħadmu f'din l-għaqda u offrew spettakli sbieħ ta' wirjiet piroetkniċi.

Jien nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'mod jew ieħor jagħtu s-sehem tagħhom biex l-Għaqda Mużikali Imperial tkompli miexja bil-ħidma tagħha, u nawgura l-Festa ta' Marija Bambina lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk kollha li minħabba raġuni jew oħra ma jistgħux jiċċelebraw il-festa fiżikamnet magħna.